

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

9.4.2008

0025/2008

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Luciana Sbarbati, Daniel Daianu, Gianni Pittella, Anne Laperrouze,  
Manolis Mavrommatis

dwar il-valur tal-kotba fil-kultura Ewropea u dwar il-ħtieġa li l-prezzijiet  
jinżammu baxxi

Data ta' skadenza: 15.7.2008

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-valur tal-kotba fil-kultura Ewropea u dwar il-ħtieġa li l-prezzijiet jinżammu baxxi**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 15 tat-Trattat (Titolu XII - Kultura)
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 16 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi jikkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (2001/2061(INI)), l-importanza tal-kultura għall-ġenerazzjonijiet il-ġodda u għall-formazzjoni permanenti fis-soċjetà mwessa' kif ukoll l-effett tal-globalizzazzjoni li jxekkel il-prinċipju ta' "unità fid-diversità" li huwa l-bażi tal-politika ta' l-UE;
- B. billi sabiex jintlaqgħu sfidi ġodda jeħtieġ li jkun hemm informazzjoni u kapaċità ta' kritika biex jiġu evalwati tali sfidi, sabiex titwettaq iċ-ċittadinanza Ewropea jeħtieġ li kulturi differenti jgħixu qrib xulxin u jniedu djalogu u billi l-libertà tinkiseb biss permezz ta' l-għarfien u l-qari;
1. jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jippromwovu l-impenn kulturali tal-familja, ta' l-iskejjel u tas-soċjetà biex iħajjru ż-żgħażaġh għall-qari; biex jiġu mħaddma biżżejjed riżorsi biex jiġu promossi l-kotba, anki permezz ta' inċentivi fiskali; biex fis-Sena tad-Djalogu Interkulturali jiġu promossi inizjattivi għat-tqassim ta' ideat u ta' kontenut kulturali, anki ta' lingwi li huma anqas imxerrda, għax dan jinħtieġ biex tissaħħaħ l-identità Ewropea;
  2. jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi, skond l-Aġenda ta' Liżbona, miżuri favur il-PMI bi tradizzjoni familjari u valur storiku għall-Istat Membru kif ukoll l-użu ta' teknoloġiji addattati biex jikkompetu mas-suq Amerikan, li joffri prezzijiet sa 20-%50% irħas; barra minn hekk, jistieden lill-Istati Membri biex iżidu r-riżorsi maħsuba għat-traduzzjonijiet, li bħalissa huma limitat għal 1.5 miljuni ta' Euro, ammont li mhux biżżejjed biex ikopri l-ħtiġijiet ta' l-Istati Membri ta' l-UE u tal-pajjiżi kandidati;
  3. jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-lista tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.